**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Luke Soler u Marie Claire Soler**

**Vs**

**Martin Abela**

**CCT 184/24/MM**

**Illum,** 18 ta' Frar 2025

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-5 ta' Lulju 2024 fejn talbu s-somma ta' disa mija u tnejn u għoxrin ewro (€922), rappreżentanti depożitu li huma ħallsu bħala depożitu għal xogħol ta' fotografija u vidjografija li kellu jsir fil-jum tat-tieġ tagħhom.

Illi l-intimat, ma ġiex notifikat bl-avviz tat-talba u tas-smiegħ, u għalhekk dan it-Tribunal awtorizza n-notifka bil-proċedura "tal-affissjoni", li tfisser notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ra illi sussegwentement l-intimat, debitament notifikat bl-avviz tat-talba u tas-smigħ, ma daħħal l-ebda risposta.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

It-Tribunal jinnota li l-intimat ma ppreżentax risposta u għalhekk huwa kontumaċi. Illi fuq tema legali, l-Qorti tal-Appell Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Noel Calleja et v. Middle Sea Valletta Life Assurance**, deċiża fid-29 ta' Jannar 2005 ingħad *"L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba da parti tal-attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa għall-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali. Maż-żmien il-qrati Maltin iddeċidew li r-rigorozita` tal-proċedura għandha tiġi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għall-ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumaċja titqies bħala waħda ġustifikata. Di fatti l-ġurisprudenza interpretattiva stabbiliet ċertu fatturi li jirrendu l-kontumaċja mhux ġustifikabbli. Dawn huma fil-każ li l-kontumacja: kienet volontarja jew kolpuża; jew priva minn kawża ġusta; jew mankanza ta' impediment legittimu da parti tal-imħarrek li kien poġġa lill-istess fl-impossibilita` jew f'diffikulta` gravi li jippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu; jew ma kienx każ ta' żball invinċibbli."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Market Handle Limited (C-49546) vs. Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited (C – 17421); Elaine Sant Galea u Alfa Company Limited** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar 2012, ingħad li *"Illi l-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (ċ) li jeħtieġ li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha jrid ikun dak li bnadi oħra ssejjaħ bħala una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun*

*gravi u fiżika jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, waħda morali". (*Ara wkoll App. Ċiv: 12.12.1975 fil-kawża fl-imsijiet **Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi**; u l-kawża fl-ismijiet **Joseph Naudi Montaldo noe vs Emmanuel Xuereb** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar 1995).

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Beacom vs Spiteri Staines** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 1993 (Kollez. Vol: LXXVII.iii.195) ingħad *"Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja b'tort u dik ġustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa dawn l-aħħar żminijiet u għarfu u fissru bejn dik il-parti mħarrka li turi disinteress assolut u l-oħra li turi kull fehma li tikkontesta l-kawża u li ma laħqitx għamlet dan jew ma laħqitx użat il-mezzi li tagħtiha l-liġi għal raġuni li ma kinitx taħti għaliha.* (Ara wkoll il-kawża fl-ismijiet **Francis Cutajar et vs Mariano Farruġia et** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Mejju 2011).

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrenti ikkummisjonaw lill-intimat sabiex jagħmel xogħol ta' fotografija u vidjografija fil-jum tat-tieġ tagħhom. Illi r-rikorrenti ħallsu d-depożitu f'Jannar tas-sena 2017 u kienu żżewġu f' Ġunju tas-sena 2018. Illi f'Diċembru tas-sena 2019 l-intimat kien għadda r-ritratti u l-album tat-tieġ iżda l-video ma kienx għadu lest. Illi darba fis-sena 2021 kienet saret laqgħa biex l-intimat juri l-progress fil-video iżda r-rikorreni setaw jinnutaw li dan kien xogħol ta' kafkaf li l-intimat għamel bl-għaġġla biex ikollu x'juri lir-rikorrenti matul il-laqgħa tagħhom. Ir-rikorrenti bagħtu diversi emails lill-intimat bejn is-sena 2021 u s-sena 2023, iżda baqaw' mingħajr tweġiba u għalhekk fis-sena 2024, iddeċidew li jipproċedu bil-kawża.

Illi r-rikorrenti xedhu fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2025 u kkonfermaw bil-ġurament it-talba tagħhom u kkjarifikaw li huma lesti li jiehdu r-raw footage tal-video u ma jinsistux għar-rifużjoni kollha għax jippreferu li jkollhom il-video u mhux il-flus.

Illi fl-istess seduta, l-intimat għamel is-sottomissjoni tiegħu u stqarr li kien lest li jlesti x-xogħol jekk isir ħlas ta' sitt mitt (€600) ewro.

**Ikkunsidra**

Illi t-Tribunal kellu l-opportunita li jisma' l-partijiet bil-ġurament u jidhirlu li l-verżjoni tar-rikorrenti għandha mis-sewwa u hija aktar ġenwina u plawsibbli. L-evidenza ppreżentata mill-attur turi biċ-ċar li l-ħlasijiet kuntrattwali saru kollha. Għalhekk, m'hemm l-ebda raġuni ġustifikabbli għan-nuqqas tal-intimat li jlesti s-servizz miftiehem u jagħti l-video tat-tieġ—obbligu fundamentali skont il-kuntratt. Il-fatt li għaddew kważi seba' snin mit-tieġ ta' Ġunju 2018 ikompli jiggrava n-nuqqas ta' raġuni tal-intimat. Dan id-dewmien esaġerat huwa għal kollox inaċċettabbli, u l-intimat ma jistax raġonevolment jissoleċita xi skuża valida għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligi kuntrattwali tiegħu.

Għalhekk fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal iħoss li r-rikorrenti rnexxilia tipprova l-kawża tagħha sal-grad li trid il-liġi. Dan kollu magħdud ifisser fiċ-ċirkostanzi, l-attriċi issodisfat l-oneru tal-prova dwar il-mertu.

**Decide**

Għall-motivi senjalati dan it-Tribunal qiegħad jiddeċidi l-kawża billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat sabiex jagħti lir-rikorrenti fi żmien ġimgħa mil-llum, ir-raw footage tal-filmati li ġibed matul tat-tieġ tagħhom mingħajr is-servizz ta' editing. Illi ma' dan l-intimat huwa ordnat jirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' mija u tnejn u sittin (€162) fi

żmien ġimgħa mil-llum. L-intimat għandu jikkonsenja ir-raw footage fuq *portable hard drive* mixtrija a spejjeż tiegħu.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**